MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 1884/2005

**Francis Sultana (ID No. 2950G) f'ismu propju u ghan-nom tal-azienda Frans Sultana Carpenters**

**Vs**

**Mark u Sylvanna Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Novembru, 2005 fejn gie eccepit illi l-konvenuti huma debituri tal-attur fis-somma ta' disa mija u tnejn u sebghin Liri Maltin (Lm972) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol tal-injam (Dok A) ipprovdut lill-atturi fuq instruzzjonijiet taghhom stess, liema ammont l-istess konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu nonostante li gew interpellati diversi drabi. Bl-ispejjes, komprisi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Ottubru 2005 kontra l-konvenuti

u bl-imghax legali kontra l-istess konvenuti mid-data tal-konsenja tax-xoghol u li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-21 ta' April, 2006 fejn gie eccepit :

(1) Illi t-talbiet tal-attur propju u nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-somma ta' disa mija u tnejn u sebghin Liri Maltin (Lm972) mhix dovuta kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza,
(2) Illi skond ittri ta' l-attur ta' Lulju 2005 l-ammont ta' hames mija tlieta u disghin Liri Maltin (Lm563) qatt ma kienu dovuti,
(3) Illi in rigward il-hlas tar-rimanenti tlett mija disa' u sebghin Liri Maltin (Lm379) il-konvenut baghat ihallas lill-attur dan l-ammont permezz ta' 'cheque' mehmuz ma ittra legali ta' l-4 t' Awissu 2005, u ghaldaqstant il-konvenut ma ghandux ibaghti l-ebda spejjez u interessi ta' din il-procedura,
(4) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli Avukati difensuri u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi hawnhekk si tratta ta' kawza maghmula minn mastrudaxxa ghall-hlas ta' xoghol minnhu maghmul fuq inkarigu tal-konvenuti.

In sostenn tal-posizzjoni tieghu l-attur jesebixxi Dok A – statement li juri illi l-ammont ta' valur komplessiv ta' xogholijiet huwa ta' Lm7172 u li minnhom thallsu Lm6200 f'zewg pagamenti ta' Lm5700 u Lm500 rispettivament, sabiex il-bilanc jibqa` dak ta' Lm972 kif mitlub fl-Avviz. L-istess Dok A jelenka wkoll ix-xogholijiet kollha maghmula u l-prezz relattiv ghal kull bicca xoghol. Bhall-istess Dok A gie esebit Dok FS6, imma b'xi annotamenti miktuba, inkluz il-kliem "l-ahhar kont".

L-attur xehed (4.07.06) u esebixxa Dok FS1 – stima tax-xogholijiet li l-konvenuti kienu ordnaw minn ghandu. Jghid illi dak in-nhar li ftehmu fuq l-istima l-konvenut hallas Lm700 akkont. Sussegwentement, qabel l-istallazzjoni tax-xoghol, il-konvenut kien hallas Lm5000 ohra cash akkont u kien talab lill-attur jaghmel xoghol bhal ta' terzi li kellu fil-workshop. Jispjega illi dan kien "*in kwantu kulur u vernic minn gewwa*". Jghid illi dawn ix-xogholijiet ma' kienux inkluzi fl-istima originali.

L-attur ikompli jghid illi wara l-istallazzjoni tax-xoghol ordnat, il-konvenut ordna xoghol iehor "*bhal ma huma parakwi, net screens u affarijiet ohrajn zghar, izda kien ikancella ordni ta' anti-porta, li giet imnaqqsa mill-kont*".

Jispjega wkoll illi sena wara li halla l-kont lill-konvenut fl-ammont ta' Lm1472, il-konvenut kien hallas Lm500 u dak il-hin l-attur kien qallu illi "*fuq il-kumplament seta` jzomm sena ohra*". Kien wara sena ohra li l-konvenut "*beda gej bl-iskuzi*". Jghid illi l-konvenut kien qed jikkontendi illi l-attur qed jitlob Lm80 zejda – izda issa qed jallega wkoll illi anke parakwi u net sreens ma ghandux ihallas taghhom.

F'xhieda ulterjuri (13.02.07) l-attur spjega illi meta l-konvenut kien ordna x-xoghol bhal ta' haddiehor fl-istess hin illi hallas depositu ulterjuri ta' Lm5000, "*jiena spjegajtlu illi ahna konna miftehmin illi fuq ix-xoghol tiehu ahna naghtu biss zejt tal-kittien*". B'hekk illi ghax-xoghol tal-vernic, l-attur qed jitlob hlas extra. Jispjega wkoll illi l-bathroom unit mhix inkluza fl-istima peress illi din giet ordnata wara.

Il-konvenut minn naha tieghu xehed (13.02.07) u kkonferma illi l-vernic gie ordnat waqt illi kien qed isir ix-xoghol, hekk wkoll kif kkonferma illi l-bathroom unit, il-parakwi u n-net screen gew ordnati wara li kien inghata l-istima originali.

Fix-xhieda ulterjuri tieghu (13.04.07), il-konvenut jghid u esebixxa Dok MV1 – l-istima fl-original taghha illi nghata hu mill-attur. Jghid illi meta nghata l-istess stima hallas

Lm700 akkont, u l-ftehim kien illi b'dawk il-prezzijiet jinghata l-prodott lest.

Jikkonferma illi meta mar l-workshop u hallas Lm5000 ohra akkont – kien ra kulur ta' prodotti ta' haddiehor u talab illi x-xoghol tieghu isir bhal tat-terzi. Jghid illi bidel il-colouring – talab jekk kienx hemm varjazzjoni fil-prezz u ma hax risposta.

Jghid illi meta x-xoghol gie nstallat kien kuntent bix-xoghol u sussegwentement ircieva kontijiet li kienu jvarjaw fil-prezz mill-quotation originali.

Jghid wkoll illi fil-frattemp hallas Lm500 ohra akkont u f'okkazzjoni ohra Lm379 ohra ghal hlas totali u komplessiv ta' Lm6579. B'dan pero` illi l-ahhar cekk ta' Lm379 ma sarrafx u ghalhekk thallsu b'kollox Lm6200.

Jelenka d-diskrepanzi fis-segwenti :

- Logga tat-top floor – minn Lm380 ghal Lm420 (Lm40)
- Logga ground floor – minn Lm800 ghal Lm900 (Lm100)
- Terrace logga – minn Lm380 ghal Lm490 (Lm110)
- Bathroom Unit – minn Lm150 ghal Lm230 (Lm80)
- Parakwi – minn Lm20 ghal Lm35 (Lm15)
- Net Screens – minn Lm40 ghal Lm60 (Lm20)

Jghid wkoll illi items 11, 23 u 16 fuq il-kont finali fl-ammont ta' Lm478 komplessivament ma humiex dovuti – "*ma kontx qed nippretendi li nigi ccargjat taghhom*" – anke jekk jikkonferma illi dawn it-tlett items gew ordnati wara l-quotation originali.

Illi in kontro-ezami (6.11.07) l-attur jghid u jikkonferma illi l-kitba bil-lapes fuq Dok MV1 hija tieghu - pero` dik bil-biro mhix. Jghid wkoll illi l-konvenut qatt ma` kkontesta l-istimi.

Jispjega wkoll li l-konvenut tah stima wahda biss – dik originali – "*u mill-bqija kollox kien isir b'mod verbali u hu dejjem qalli ahdem*". Jikkonferma illi meta l-konvenut talbu jaghti l-vernic, kien qallu li dak kien xoghol extra "*pero` ma kkwantifikajniex kemm ser tkun id-differenza fil-prezz*".

Dwar xi diskrepanzi bejn l-istima u l-kont elenkati mill-konvenut, ammontanti ghal valur komplessiv ta' Lm365, l-attur jghid illi dwar id-diskrepanzi fil-prezz tal-logog ammontanti ghal Lm250 "*ma ghandix spjegazzjoni*". Dwar il-bqija tad-diskrepanzi l-attur ta' l-ispjega tieghu.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi in effetti mis-somma mitluba l-konvenut gia kien accetta li jhallas Lm379 tant li kien baght cekk f'dan l-ammont izda ma` ssarrafx.

Mill-provi kollha prodotti u mix-xhieda mressqa, dawk ta' l-istess kontendenti – jirrizulta car illi f'dan il-kaz gara precizament dak li jigri spiss f'sitwazzjonijiet simili – illi tul il-kors tax-xoghol u bejn l-ordni u l-finalizazzjoni tax-xoghol ikunu saru ordnijiet ohra, addizzjonali, bdil fl-ordni etc.

Aktar iva mill le – f'dawn ic-cirkostanzi li jsegwu ma' tintalabx stima u tinbet bejn il-partijiet relazzjoni ta' fiducja – allura isir id-diskors bhal ma huwa "u iva, ahdem hekk jew hekk". Din tigri ta' spiss u xi darba jew ohra lil kulhadd, ikunx mastrudaxxa, bajjad, mechanic etc. Itaqgha ma' din is-sitwazzjoni.

Illi hemm zewg principji fundamentali li t-Tribunal ihoss illli huma applikabbli f'kazijiet bhal dawn u sabiex it-Tribunal jasal ghal sentenza ekwa u giusta.

Fl-ewwel lok li kulhadd ghandu dritt illi jithallas tax-xoghol li jippresta lil haddiehor, sakemm ma jkunx hemm ftehim mod iehor u ghalhekk ir-ricevitur ta' servizz ma` ghandu qatt jippretendi minn jeddu illi ma kellux jigi mitlub hlas ta' servizz lilu rez u maghmul fuq inkarigu tieghu.

Fit-tieni lok illi fejn ma tkunx inharrget stima minn qabel imma jkun gie accettat illi saru ordnijiet ulterjuri, l-prezzijiet ghandhom ikunu ragunati u gustifikati u wiehed ghandu jara illi hadd mhu qed japprofitta ruhu minn nuqqas ta’ stima jew ftehim preliminari.

Fil-kaz in ezami jirrizulta mill-provi prodotti illi x-xogholijiet mizjuda effettivament kienu ordnati. Ghal uhud minnhom il-konvenut jghid illi ma kienx qed jippretendi illi jigi mitlub hlas ghalihom. Ghat-Tribunal dan mhux accettabbli.

Jirrizulta wkoll illi xoghol li ma` sarx mill-attur (antiporta) ma ntalabx hlas taghhom. Jirrizulta wkoll pero` illi l-attur ma kellux spjegazzjoni ghal xi diskrepanzi bejn l-istima originali u l-kont finali – u din wkoll mhix accettabbli ghat-Tribunal.

Ikkunsidra illi t-talba hija ghal disa` mija u tnejn u sebghin Liri Maltin (Lm972) – (€2264.15).

Illi diskrepanza ta’ mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm250) – (€582.34) kif hawn fuq spjegat, l-attur ma kellux spjegazzjoni ghalihom. Ghall-bqija tad-diskrepenzi bejn l-istima originali u l-kont finali, l-attur kellu spjegazzjoni giustifikata.

Ghal decizjoni ekwa u guista bbazata fuq is-su-espost u fuq ir-rizultanzi f’dan il-kaz, allura it-Tribunal ihoss opportun illi jilqa` t-talba attrici limitatament ghal seba` mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin (Lm722) – (€1681.81).

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad in parti l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa` t-talba attrici limitatament fis-somma ta’ elf, sitt mija u wiehed u tmenin Euro u wiehed u tmenin Euro centezmi (€1681.81) ekwivalenti ghal seba` mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin (Lm722), bl-imghax fuq din is-somma kif mitlub.

L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal 2/3 mill-konvenuti u 1/3 mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------